

L-istabbiliment ta' faċilità li tipprovdi għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2009 dwar l-istabbiliment ta' faċilità li tipprovdi għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2009 għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (COM(2009)0169),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri¹, u l-pożizzjoni tal-Parlament tas-6 ta' Settembru 2001 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri²,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2008³ dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002, kif ukoll ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-istess ġurnata dwar l-istabbiliment ta' faċilità li tipprovdi għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri⁴,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 100 u 119 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kunsill diġà rdoppja l-limitu massimu tal-għajjnuna finanzjarja għal żmien medju għal EUR 25 000 000 000 minn ammont oriġinali ta' EUR 12 000 000 000 abbażi tal-Artikoli 119 u 308 tat-Trattat permezz tal-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1360/2008 tat-2 ta' Diċembru 2008⁵ li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002,
- B. billi, flimkien ma' arranġamenti ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħra, il-Komunità tat self ta' EUR 6 500 000 000 lill-Ungerija u ta' EUR 3 100 000 000 lil-Latvja, u billi EUR 2 200 000 000 oħra huma allokati għal-Latvja minn xi Stati Membri individwali,
- C. billi l-Komunità ddeċidiet li tipprovdi għajjnuna finanzjarja għal żmien medju lir-Rumanija ta' EUR 5 000 000 000 fid-dawl tal-effetti negattivi tal-kriżi finanzjarja dinjija

¹ ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1.

² ĠU C 72E, 21.3.2002, p. 312.

³ Testi adottati, P6_TA(2008)0560.

⁴ Testi adottati, P6_TA(2008)0562.

⁵ ĠU L 352, 31.12.2008, p. 11.

fuq is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja fir-Rumanija,

- D. billi approçè każ każ għall-għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-Istati Membri huwa preferibbli, sabiex titqies l-ispeçifità tas-sitwazzjoni ta' kull Stat Membru,
- E. billi l-impatt tal-kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija attwali għandu jiġi kkunsidrat,
- F. billi jeħtieġ li s-solidarjetà mal-Istati Membri li m'ihomx li saru membri tal-Unjoni Ewropea titħaddem b'mod sħiħ,
- G. billi tinħtieġ politika li tindirizza l-problemi speçifiçi ta' dawg l-ekonomiji tal-Istati Membri meta titqies il-kriżi finanzjarja dinjija u r-reçessjoni li qed tinfirex fl-Unjoni Ewropea,
 - 1. Iqis li s-sitwazzjoni attwali hija prova ulterjuri tar-rilevanza tal-euro fir-rigward tal-ħarsien tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro u jistieden lill-Istati Membri l-oħra biex jingħaqdu fiż-żona tal-euro malli jissodisfaw il-kriterji ta' Maastricht;
 - 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex twieġeb it-talbiet preçedenti tal-Parlament biex issir analiżi tal-effetti tal-imġiba tal-banek li neħħew l-assi tagħhom mill-Istati Membri li saru membri riçentement;
 - 3. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkomunika, mill-aktar fis possibbli, ir-riżultat ta' dak l-istudju lill-Kumitat tagħha għall-Affarijiet Ekonomiçi u Monetarji;
 - 4. Jirrikonoxxi li, minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija attwali, il-limitu massimu għall-ammont ta' self li jkun għadu ma tħallasx li jingħata lill-Istati Membri kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 332/2002 għandu jiżdied b'mod sinifikanti, filwaqt li jitqies kif xieraq ukoll il-kalendarju tal-Parlament; jisħaq li tali żieda ttejjeb ukoll il-ħila tal-Komunità li twieġeb b'mod aktar flessibbli għal talbiet oħra għall-għajnuna finanzjarja għal żmien medju;
 - 5. Jilqa' b' sodisfazzjon il-ftehimiet volontarji bejn il-banek u l-Istati Membri li dan l-aħħar saru membri tal-Unjoni Ewropea li permezz tagħhom dawg il-banek jieqfu milli jaqtgħu l-linji tal-kreditu (pereżempju, fir-rigward tar-Rumanija u l-Fteħima ta' Vjenna), u jinkuraġġixxi inizjattivi oħra bħal dawn;
 - 6. Jinnota li din iż-żieda sinifikanti fil-limitu massimu ta' self tippermetti li jkun immassimizzat il-potenzjal ta' self tal-Kummissjoni fis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji; jinnota, barra minn hekk, li m'hemm l-ebda bażi legali speçifika għall-Komunità biex toħroġ bonds fis-suq dinji, iżda li l-Kummissjoni qiegħda tagħmel xogħol preparatorju bil-ħsieb li tippermetti lil żewġ Stati Membri jew iżjed joħorġu b' mod konġunt bonds iddenominati bl-euro;
 - 7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvestiga, mal-Bank Ewropew tal-Investment, kif tista' tingħeleb il-kriżi tal-kreditu fl-ekonomija reali bl-għajnuna ta' strumenti finanzjarji ġodda u innovattivi; jirrimarka li varjetà ta' strumenti finanzjarji tista' tintuża biex tkun żgurata l-flessibilità tal-façilità li tipprovdli għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilançi ta' pagament tal-Istati Membri;
 - 8. Jinnota li t-tgħollija tal-limitu massimu tas-self ma jkollha ebda impatt baġitarju għaliex

il-Kummissjoni takkwista s-self fis-swieq finanzjarji u l-Istati Membri benefiċjarji jkollhom iħallsuh lura; jenfasizza li l-uniku impatt baġitarju possibbli miż-żieda tal-limitu massimu tas-self iseħħ f'każ li Stat Membru ma jħallasx id-dejn;

9. Jilqa' b'sodisfazzjon l-irwol attribwit mill-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq lill-Qorti tal-Awdituri, f'każ ta' bżonn;
10. Jemmen li l-kundizzjonijiet marbuta mal-ġħoti tal-ġħajnuna finanzjarja għandhom ikunu konformi mal-oġġettivi Komunitarji fir-rigward tal-kwalità tal-infiq pubbliku, it-ktabbir sostenibbli u s-sistemi tas-sigurtà soċjali, ir-rata massima tal-impjieg, il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u l-effiċjenza fl-enerġija, u għandhom iħeġġu l-promozzjoni ta' dawn l-oġġettivi;
11. Ifakkar li l-Artikolu 100 tat-Trattat japplika għall-Istati Membri kollha u jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal regolament li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni; ifakkar li l-Artikolu 103 tat-Trattat jistipula li l-Istati Membri 'm'għandhomx ikunu responsabbli mill-impenji jew jassumu l-impenji tal-gvernijiet ċentrali, tal-awtoritajiet pubbliċi reġjonali, lokali jew oħrajn, ta' korpi oħra rregolati bil-liġi pubblika, jew ta' impriżi pubbliċi ta' Stat Membru ieħor, bla ħsara għall-garanziji finanzjarji reċiproċi tat-twettiq konġunt ta' proġett speċifiku', u li 'jekk ikun meħtieġ, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 252, jista' jispeċifika definizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-projbizzjoni msemmija fl-Artikolu 101 u f'dan l-Artikolu';
12. Jitlob li l-Parlament ikun infurmat dwar il-memoranda ta' ftehim li ġew konklużi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri konċernati, li jistipulaw il-kundizzjonijiet tas-self;
13. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika f'livell Komunitarju waqt sitwazzjonijiet ta' kriżi ekonomika, u biex twaqqaf grupp ta' esperti mal-Parlament, u biex tħejji qafas u linji gwida għall-memoranda ta' fehim konklużi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri konċernati, li jistipulaw il-kundizzjonijiet tas-self;
14. Ifakkar li l-Parlament talab, fil-pożizzjonijiet tiegħu msemmija hawn fuq tas-6 ta' Settembru 2001 u tal-20 ta' Novembru 2008, li l-Kunsill jeżamina, kull sentejn, fuq il-bażi ta' rapport mill-Kummissjoni, wara li jikkonsulta lill-Parlament u wara li l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju jkun ressaq l-opinjoni tiegħu, jekk il-faċilità stabbilita għadhiex tissodisfa l-ħtiġijiet li wasslu għall-ħolqien tagħha; jistaqsi lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jekk tfasslux rapporti bħal dawn mindu ġie adottat ir-Regolament (KE) Nru 332/2002;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Eurogrupp u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.